**3 ta' Mejju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

***versus***

Carmelo Gauci

**Vjolazzjoni ta' Proprjetà ta' Ħadd Ieħor — Ċitazzjoni — Nullità — Komunjoni tal-Akkwisti.**

*Il-fatt li wieħed jiġi akkużat talli daħal fil-proprjetà detenuta minn mara miżżewġa, mentri f'l-fatt dik il-proprjetà tkun detenuta minn żewġ dik il-mara, ma hux biżżejjed biex jinfiċja ċ-ċitazzjoni, għaliex ir-reat hu dak ta' vjolazzjoni tal-proprjetà ta' ħadd ieħor, bi ħsara tas-sid u detentur, u dawn l-elementi "ut sic" 'huma dedotti anki f'dik l-imputazzjoni; barra minn dan, kull dritt li għandu r-raġel ta' dik il-mara, sija jekk hu bi qbida, sija jekk hu ta' mera detenzjoni, jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwist, jekk ġie akkwistat matul iż-żwieġ, u, għad li tal-komunjoni tal-akkwisti, "pendente coniugio", hu "dominus" ir-raġel, ma hux eskluż li idealment għandha sehem anki l-mara tiegħu in forza tar-reġim tal-akkwisti, u salva l-likwidazzjoni effettiva fix-xoljiment.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli fis-27 ta' Jannar 1958, għal xi s-sigħa p.m., daħal fil-għalqa li qegħedha t-Torri l-Abjad, limiti tal-Mellieħa, proprjetà ta' Catherine Gauci, mingħajr il-kunsens tagħha, u kkaġunalha nofs lira (10s), ħsara fix-xitel tal-piżelli;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-21 ta' Frar 1958, li

biha kkundannatu għall-ammonizzjoni u riprensjoni;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Deher mill-provi li l-għalqa "de qua" hi detenuta, mhux minn Katarina Gauci, li tissemma fiċ-ċitazzjoni, iżda minn żewġha Salvatore Gauci. Dan, però, ma hux biżżejjed biex jinvalida ċ-ċitazzjoni, (1) għaliex ir-reat hu dak ta' vjolazzjoni ta' proprjetà ta' ħadd ieħor bi ħsara tas-sid u detentur, u dawn l-elementi "ut sic' huma dedotti fl-imputazzjoni, (2) u għaliex kull dritt, li għandu Salvotore Gauci fuq din l-għalqa, sija jekk hu ta' qbiela, sija jekk hu ta' mera detenzjoni, jifforma parti mill-akkwisti, u għad li ta' din, "pendente coniugio", hu "dominus" ir-raġel, ma hux eskluż li idealment għandha sehem anki l-mara tiegħu in forza tar-reġim tal-akkwisti, u salva l-likwidazzjoni effettiva fix-xoljiment;

Kwantu għall-provi, skond il-verbal kalendat fol. 14, tant il-Prosekuzzjoni kemm id-Difiża għamlu riferenza għal dawk mismugħa fil-kawża hemm imsemmija;

Minn dawn il-provi, l-imputazzjoni tirriżulta assodata, u l-Qorti tagħmel riferenza, "servatis servandis", għall-konsiderazzjonijiet żvolti fis-sentenza mogħtija fuq dik iċ-ċitazzjoni fid-19 ta' April 1958; liema konsiderazzjonijiet qegħdin jiġu adottati anki f'din is-sentenza;

Għalhekk iddeċidiet billi ċaħdet l-appell tal-imputat u kkonfermat is-sentenza appellata.